MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 2280/1997/1

**Vincent u Helen konjugi DIMECH**

**vs**

**(1) Mizzi Estates Limited**
**(2) Vincent u Doris konjugi Camilleri**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi fis-7 ta’ Ottubru, 1997, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond Gaetano’s Garage. Naxxar Road, Birkirkara;

Illi il-konvenuta socjeta’ Mizzi Estates Limited u il-konvenuti Vincent u Doris konjugi Camilleri huma rispettivament is-sid u l-okkupant tal-fond sovrastanti u cioe’ 80 Flat 1 Naxxar Road, Birkirkara;

Illi kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-Perit Alex Torpiano, qed issir hsara f'parti mis-saqaf tal-fond tal-attur, liema dannu gej minn perkolazzjoni ta' ilma mill-fond tal-konvenuti;

Illi interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghall-hsara il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Talbu li l-konvenuti jew min minnhom ighidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) tiddikjarahom responsabbli ghall-hsara kagonati fil-fond tal-attur;
(2) tillikwida l-istess hsara;
(3) tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu id-danni hekk likwidati lill-attur.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 1996 kontra il-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Mizzi Estates LImited, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta bl-ebda mod ma hi responsabbli ghal xi hsara jew danni allegati mill-atturi;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta Mizzi Estates Limited;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Vincent u Doris konjugi Camilleri, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni esperita mill-atturi hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-eccipjenti ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzjul

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, l- eccipjenti ma ghandhomx jigu tenuti responsabbli ghal kwalunkwe hsarat u danni peress li dawn ma gewx ikkawzati b'ghemilhom. Anzi hekk kif dahlu jabitaw fil-fond taghhom snin ilu huma agixxew biex jeliminaw il-kawza u l-agenti li kkawzaw dawn l-allegati hsarat u danni.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti konjugi Camilleri;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Jannar 2000 li permezz tieghu hatret lill-Perit Rene Buttigieg bhala perit tekniku bis-soliti fakultajiet, inkluz li jisma' xhieda bil-gurament;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku;

Rat il-verbal taghha tat-24 ta' April 2007, li permezz tieghu il-partijiet qablu illi dan ir-rapport ghandu jifforma parti minn dawn l-atti minkejja l-fatt illi l-perit tekniku lahaq miet qabel ma halfu fil-Qorti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta Mizzi Estates Limited, li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant s-socjeta' eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Vincent Camilleri u martu Doris Camilleri dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Semghet it-trattazzjoni orali dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat illi l-kawza giet differita ghallum ghal sentenza parzjali dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat :

Illi l-atturi istitwew din il-kawza peress illi allegaw illi l-konvenuti jew min minnhom huwa responsabbli ghall-hsara kagunata fil-fond taghhom, ghalhekk talbu lill-Qorti sabiex tillikwida din il-hsara, tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu id-danni hekk likwidati lill-atturi. L-atturi allegaw illi il-hsara hija kagun ta’ perkolazzjoni ta’ ilma mill-fond tal-konvenuti.

Illi l-konvenuti konjugi Camilleri eccepew il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16; filwaqt illi s-socjeta’ konvenuta Mizzi Estates Limited ipprezentat nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri fejn eccepiet il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.

Ikkunsidrat :

Illi bazikament il-konvenuti jikkontendu illi l-azzjoni attrici hija preskritta peress illi l-atturi kienu edotti bil-hsarat gja mis-sena 1977, dwar xi hsarat u danni li kienu ilhom li tfaccaw fis-saqaf tal-fond proprjeta taghhom, izda madanakollu huma istitwew dawn il-proceduri fis-sena 1997.

Ikkunsidrat :

Illi l-perit tekniku wara illi ikkonsidra ix-xiehda u d-dokumenti kollha ipprezentati quddiemu ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet :

“Konsiderazzjonijiet tal-Perit Tekniku :

Mix-xhieda u dokumenti pprezentati jirrizulta illi :

1) Il-konvenut dahal fil-post tieghu fis-sena 1973, sab it-terrazzin bil-hamrija, li tnehhiet fis-sena 1977 wara li ra hsara fis-saqaf sottostanti fl-istess sena 1977.

2) Fis-sena 1993 inkariga lill-perit Joseph Samut li rrapporta li x-xibka ma saritx kif suppost u sofriet hsraa minhabba d-dhul tal-ilma.
3) Fis-sena 1996 il-konvenut biddel il-kamra tal-banju u ma jeskludix li setgha dahal xi ftit ilma fil-kors ta' dax-xoghol, u spicca fis-saqaf sottostanti.
4) Fil-mori tal-kawza il-bitha jew terrazzin ssaqqfet, u b'hekk l-art ma baqghetx tircevi ilma li setgha jiskula fis-saqaf sottostanti.
5) Ix-xibka fis-saqaf tal-garage dehret l-ewwel fis-sena 1976, u fejn faqqghet, il-konkos issewwa, sakemm regghet dehret xi 8 snin wara.
6) L-atturi, inkarigaw fis-sena 1996 lill-Perit Lino Bianco u fis-sena 1997 lill-perit Dr Alex Torpiano li kkonkludew li l-hsara fis-saqaf tal-garage hija dovuta ghall-penetrazzjoni ta' ilma mill-fond sovra-stanti, tal-konvenut.
7) Fis-sena 2000 jew 2001 il-konvenut inkariga lill-perit Anthony Muscat, li ammetta li l-hsara setghet giet kkawzata mill-tnixxija tal-ilma mill-fond sovrastanti oltre ghal difetti ohra fil-kostruzzjoni tas-saqaf.

Kostatazzjonijiet tal-Perit Tekniku :

Il-Perit Tekniku, waqt l-accessi mizmuma fuq il-post "de quo" ikkonstata illi :

1) Fit-tarf, fuq wara tal-garage, hemm parti li fuqha hemm mibnija, kamra tal-banju u terrazzin, kif ukoll bini iehor adjacenti.
2) Illi fil-parti tas-saqaf sottstanti l-kamra tal-banju u terrazzin tal-konvenut, jidhru rqajja li fihom tidher ix-xibka wara li xi capep mill-konkos waqghu u kixfuha.
3) Illi t-terrazzin jew bitha fil-fond tal-konvenut, kienet giet msaqqfa fil-mori tal-kawza."

Ikkunsidrat :

Illi l-Perit Tekniku wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet :

"Konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku

Illi l-fatt li l-hsara fis-saqaf mhix mas-saqaf kollu fuq wara tal-garage, jindika li l-hsara hi lokalizzata u dovuta ghal provenjenza esterna u mhux ghal difettifil-kostruzzjoni.

Illi b'riferenza ghal pagni ta' dir-relazzjoni jirrizulta :

1) Illi fit-terrazzin sovrastanti parti mis-saqaf "de quo" kien hemm mat-3 piedi hamrija fis-sena 1972, li tnehhiet fis-sena 1977, u l-perkolazzjoni minnha fit-terrazzin mikxuf, ikkontribwiet ghal hsara fis-saqaf sottostanti, tant li l-konvenut induna b'dil-hsara fis-sena 1977 meta kien dahal fil-garage.
2) Illi bit-tnehhija tal-hamrija, inkixef il-madum tal-siment fl-art tat-terrazzin li baqa mifxuf u ghalhekk perkolazzjoni minnu kompliet tikkontribwixxi ghal hsara fis-saqaf tal-garage, tant li fis-sena 1996 spezzjona s-saqaf l-perit Lino Bianco, fuq talba attrici, li rrediga rapport Dok LB1, fejn iddikjara dik il-parti tas-saqaf bhala perikoluza u li kellha timbidel.
3) Il-Perit Alex Torpiano, f'Dok. A a fol. 4 u 5 tal-process, inkarigat min-naha attrici, ukoll iddikjara is-saqaf, fi stat hazin, pero ssuggerixxa li kien ikun ahjar li jissewwa milli jimbidel.

Il-Perit Tekniku jaqbel mal-konstatazzjonijiet taz-zewg periti li fis-saqaf intuzat xibka tat-tip A 98 li normalment tintuza fl-art, u li tinsab fi stat imsaddad, f'parti mis-saqaf fuq wara tal-garage.

Dan huwa kkorroborat ukoll mill-Perit Anthony Muscat, kif inkarigat min-naha konvenuta, li pero' attribwixxa il-hsara ghal hxuna tal-kisi jew cover mhux adegwat, kif ukoll ghal kwalita povra tal-konkos jew ghal perkolazzjoni tal-ilma minn fuq.

Il-periti Bianco u Torpiano spezzjonaw is-saqaf fis-sena 1996 u 1997 rispettivament, wara li kif ammess mill-konvenut setgha dahal ilma fis-saqaf meta kien qed ibiddel il-kamra tal-banju, sitwazzjoni li giet ikkorroborata mill-attur Romeo Dimech a fol. 9 tal-verbal li ddikjara li kien nizel hafna ilma fil-garage.

Il-Perit Tekniku ma jidhirlux li s-saqaf ghandu jimbidel, kif suggerit mill-Perit Lino Bianco izda jaqbel ma dak li ddikjara il-Perit Alex Torpiano, inkarigat ukoll min-naha konvenuta biex jissewwa bil-galbu.

Il-Perit Tekniku huwa kkonfortat f'din il-opinjoni tieghu mill-segwenti :

1) Ghalkemm il-hsara fegget fis-sena 1977, is-saqaf ma sofriex caqliq strutturalment.
2) Illi bix-xoghol rimedjali ta' tiswija, is-aqaf jista jibbenefika strutturalment, billi jissahhah minn fejn jinsab illum.
3) Illi bit-tisqif tat-terrazzin, il-probabilta ta' perkolazzjoni fis-saqaf titnaqqas konsiderevolment, jekk mhux tigi kompletament eliminata, stante li s-saqaf ma jibqax soggett ghall-ilma tax-xita fl-art tat-terrazzin sovrastanti, b'mod illi l-uniku sors ta' perkolazzjoni ghal gos-saqaf ikun biss provenjenti minn difetti fit-thaddim tal-kamra tal-banju.

Il-Perit Tekniku ihoss li r-responsabilta ghal hsara fis-saqaf sottostanti hija tal-konvenut li naqas meta okkupa l-post li jitlob lis-socjeta konvenuta biex jispezzjonaw il-post biex isir "condition report", u li naqas li jnehhi l-hamrija mit-terrazzin fil-5 snin li l-post kien fil-pussess tieghu, oltre ghal fatt li ma saritx manutenzjoni adegwata tal-art tat-terrazzin, wara t-tnehhija tal-hamrija gjaladarba kien jaf fis-sena 1977 bil-hsara li kien qed isofri s-saqaf tal-garage sottostanti.

Il-konvenut fl-affidavit tieghu qal li wara is-sena 1977 "……. lill-Censu u anki lit-tfal tieghu …. kont nghidilhom biex jiehdu hsieb dak is-saqaf …….fil-fatt ghamlu xi tentattivi biex jirrangaw xi haga izda qatt ma hadu l-affarijiet bis-serjeta".

Il-Perit Tekniku jidhirlu li principalment kien dover tal-konvenut li jara li ma jkunx hemm possibilita ta' perkolazzjoni mill-fond tieghu ghal gos-saqaf sottostanti.

Illi x-xoghol rimedjali biex jissewwa das-saqaf ghandu jkun a karigu tal-konvenut, u l-perit tekniku huwa tal-opinjoni li huwa suggeribbli li x-xoghol isir minn haddiema tal-konvenut taht id-direzzjoni tal-perit privat tal-konvenut.

Illi x-xoghol li ghandu jsir jikkonsisti fl-ippuntalljar tal-parti ta' wara tas-saqaf, u specjalment taht il-hitan li hemm fil-fond sovrastanti, fit-tnehhija tal-partijiet mis-saqaf maqsuma u ohrajn hdejhom, bit-tindif tax-xibka u tibdil tal-partijiet maqsuma jew neqsin, bl-izbuzzar madwar l-istess xibka bil-materjal adatt bhal per ezempju "tad-ditta Sika", ui uzu tal-istess materjal ghal mili u kisi tal-partijiet tas-saqaf li jirrizulta neqsin.

Illi l-perit tekniku jistma dan ix-xoghol li jigi esegwit minn bajjad fis-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) izda mhux f'posizzjoni jistma ir-rimpjazzament ta' partijiet mix-xibka li jkunu jridu jigu rimpjazzati u lanqas il-bzonn jekk tirrizulta il-htiega biex taht il-hitan jjigu inseriti travi tal-hadid, f'kaz li waqt ix-xoghol jinstab li l-hitan qeghdin jserrhu direttament fuq is-saqaf.

Illi l-ispiza ghal dawnit-travi, jekk jinhtiegu tkun a karigu tas-socjeta' konvenuta, waqt li dik ghax-xoghol l-iehor kollu ghandu jkun a karigu tal-konvenut Camilleri."

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda minn meta tibda tiddekorri l-preskrizzjoni, il-Qorti rat sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Dicembru 2009 (Citazzjoni numru 569/2008) Eric Calleja vs Asfaltar Company Limited fejn il-Qorti qalet hekk :

'Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi l-preskrizzjoni **<u>ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tigi</u>** **<u>ezercitata,</u>** minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew talkundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'
U hawn ghandu relevanza wkoll l-artikolu 2138 tal-Kap 16 li jsemmi :
'(1) Il-preskrizzjoni titqies bi granet shah u mhux bis-sighat.

(2) Il-granet huma kontinwi : ix-xhur jitqiesu skond il-kalendarju.’

F’dan l-istadju hu importanti wkoll li jigi kkwotat l-artikolu 2128 tal-Kap 16 li jghid :

‘Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b’kul att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lillparti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi lpreskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car li s-sid jew ilkreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom.’

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-preskrizzjoni u perkolazzjoni ta’ ilma il-Qorti rat sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet :

“John Grech vs Ivan Mifsud et” deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili [Imhallef J. R. Micallef] fl-1 ta’ April 2003 fejn intqal :

“Jinghad li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex thares dak id-dritt. Jinghad ‘…. iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda ghaddej minn dak inhar li ssehh il-hsara, izda mhux minn dak inhar li l-imgarrab intebah bil-hsara li gratlu; Iz-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-drittjijiet jew setghet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex thares dak id-dritt. Dan il-principju huwa mibni fuq ilmassima li actioni non natae non praescribitur.’

Illi l-Qorti rat ukoll sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Civili [Inferjuri] tat-12 ta’ Jannar 2005 fl-ismijiet Ignatius Busuttil vs. Water Services Corporation fejn il-Qorti qalet :

“Huwa principju maghruf f’materja ta’ preskrizzjoni illi itterminu ta’ preskrizzjoni ta’ dritt ghal rizarciment ta’ hsara minhabba f’fatt illecitu jiddekorri mill-mument li fih il-hsara timmanifesta ruhha esternament u ssir oggettivament percepibbli u maghruf.

Din il-Qorti tifhem ukoll illi f’materja ta’ perkolazzjoni ta’ ilma u umdita` fejn il-hsara timmanifesta ruhha ferm

bilmod ma kienx facli biex wiehed jistabbilixxi meta effettivament id-danneggjat seta' japprezza l-gravita` talproblema u f'kull kaz f'sitwazzjoni bhal din id-decizjoni tal- Qorti kellha tiffavorixxi lill-persuna kontra min tkun qieghda tiddekorri l-preskrizzjoni. Dan ukoll anke bl-applikazzjoni tal-principju contra non valentem agere non currit prescriptio."

Izda fil-kaz in ezami m'ghandniex kaz bhal tal-perkolazzjoni ta' l-ilma izda ghandna fatt meta f'mument allegatament gew kawzati d-danni. Ir-rizultat tal-fatt jibqa' ghal dejjem izda gie kawzat f'mument wiehed a distinzjoni mill-perkolazzjoni ta' ilma li jissussisti ghal tul ta' zmien.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta` intimata, u ghalhekk tichad it-talbiet tarrikorrent. Liema eccezzjoni kienet Illi preliminarjament - u dejjem jekk din l-azzjoni tirrigwarda l-incident li sehh fit-28 ta' Marzu 2006 – lazzjoni tal-attur hija preskritta *ai termini* ta' l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16.

Illi ghalhekk, f'kaz ta' perkolazzjoni ta' ilma m'hemmx mument meta jista jigi stabbilit <u>meta</u> gew kawzati id-danni.

Illi fil-kawza Abela vs Cassar, deciza fl-14 ta' Jannar 2002, il-Qorti dwar il-preskrizzjoni f'kaz ta' hsara kagunata minn infiltrazzjoni ta' ilma, qalet hekk :

"Fir-rigward tal-preskrizzjoni din il-Qorti ezaminat attentament l-konsiderazzjonijiet ta' Perit Legali addottati mill-ewwel Qorti u ssib li dawn huma sostanzjalment korretti apparti l-apprezzament fattwali ta' kif, meta u sa fejn immanifestaw ruhhom id-danni biex jigi stabbilit ilmument minn meta beda jiddekorri t-terminu preskrittiv. Din il-Qorti tifhem ukoll illi f'materja ta' perkolazzjoni ta' ilma u umdita fejn il-hsra timmanifesta ruhha ferm bil-mod ma kienx facli biex wiehed jistabilixxi meta effettivament id-danneggjat setgha japprezza l-gravita' tal-problema u f'kull kaz f'sitwazzjoni bhal din id-decizjoni tal-Qorti kellha tiaffavorixxi lill-persuna kontra min tkun qeghda tiddekkorri l-preskrizzjoni. Dan ukoll anke bla applikazzjoni tal-

principju “contra non valentem agree non currit prescriptio.”

Illi din il-Qorti tifhem ukoll illi f’materja ta’ perkolazzjoni ta’ ilma u umdita` fejn il-hsara timmanifesta ruhha ferm bilmod ma kienx facli biex wiehed jistabbilixxi meta effettivament id-danneggjat seta’ japprezza l-gravita` talproblema u f’kull kaz f’sitwazzjoni bhal din id-decizjoni tal- Qorti kellha tiffavorixxi lill-persuna kontra min tkun qieghda tiddekorri l-preskrizzjoni. Dan ukoll anke bl-applikazzjoni tal-principju “contra non valentem agere non currit prescriptio”.

Illi l-Qorti rat ukoll sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Gunju, 2009 (Appell Civili Numru. 19/2006/1) fl-ismijiet Peter Paul Muscat u Antonia mart l-istess Peter Paul Muscat v. Peter Muscat Scerri u b’digriet tat-22 ta’ Mejju 2006 giet kjamata in kawza s-socjeta` P.M.S. (Holdings) Ltd fejn il-Qorti tal-Appell ikkwotat mis-sentenza Portelli vs Attard, deciza fl-20 ta’ Marzu 1997: “meta danni ma jigux determinati f’mument wiehed, izda jibqghu javveraw ruhhom tul iz-zmien, b’mod li jista’ jinghad li lhsara qeghdha kontinwament issir, kif jidher li qed jigri f’dan il-kaz, it-terminu ta’ preskrizzjoni ikun kontinwament qed jigi “interrot”, u dan it-terminu ma jibdiex jghaddi jekkmhux minn meta jsiru x-xoghlijiet mehtiega biex il-hsara tieqaf tkompli ssir.”

Illi fir-rigward ta’ l-Artikolu 2137 il-preskrizzjoni tiddekorri minn dak in-nhar li l-azzjoni relattiva tkun tista tigi ezercitata.

Illi il-Qorti rat sentenza ohra ta’ din il-Qorti tal-31 ta’ Ottubru 2003 fl-ismijiet Perit Edwin Calleja f’ismu proprio u bhala mandatarju specjali ta’ huh Victor Calleja, imsiefer vs Joseph Said u b’digriet tat-12 ta’ Lulju 2000 giet kjamata in kawza s-socjeta’ Pezama Clothing Co Ltd u Alfred Petroni, fejn intqal illi l-Artikolu 2137 tal Kap 16 li jistabilixxi li l-perjodu ta’ preskrizzjoni ma jibdiex jiddekorri hlief minn dak in-nhar li l-azzjoni relattiva tkun tista’ tigi ezercitata (ara Laurent Diritto Civile Vol 22 para 16).

Illi a skorta tal-gurisprudenza fuq iccitata, il-Qorti tara illi din il-materja tal-perkolazzjoni ta' ilma u umdita fejn il-hsara timmanifesta ruhha ferm bil-mod mhuwiex facli ghall-Qorti sabiex tistabilixxi minn meta effettivament l-atturi setghu japprezzaw il-gravita tal-problema u ghalhekk, f'dan il-kaz, il-Qorti sejra tiffavorixxi lill-atturi li kontra taghhom kienet qeghda tiddekorri il-preskrizzjoni.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti Vincent u Doris konjugi Camilleri u qeghda tichad ukoll l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni tas-socjeta' konvenuta Mizzi Estates Limited u konsegwentement qeghda tordna il-prosegwiment tal-kawza; Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------